MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Numru 456/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Grech)**

**v.**

**Paul Vella**
**-omissis-**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni originarjament migjuba kontra Paul Vella ta’ 7, Mgarr ix-Xini Street, Xewkija, Ghawdex, u Salvu Vella ta’ 43, Triq Imgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex fuq talba tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici talli qed jaghmel jew qed igieghel jew ihalli li jsir xi haga, f’Mgarr ix-Xini Street, Xewkija, Ghawdex, li ghaliha huwa mehtieg permess skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10. Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita, tapplika l-provedimenti skond Sezzjoni 17

sub-artikoli (1) (3) u (8) u sezzjoni 18 tal-Kap 10 tal-Ligijiet tal-Pulizija. Barra minn hekk il-Qorti giet ukoll mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li limputat ghandu fi, jew fuq proprjeta' immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skont l-Artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10;

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li lliberat lil imputat Salvu Vella sabet lill-imputat Paul Vella hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro (€230) u ordnatlu jnehhi l-izvilupp li sar bla permess u jregga lura s-sit ghal dak li kien qabel l-istess zvilupp u taht id-direzzjonijiet li tista' timponi l-MEPA u dan sa massimu ta' tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza fuq penali ta' mitt euro (€100.00) kull jum ghal kull jum ta' nuqqas.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputat Paul Vella minnu prezentat fis-7 ta' Novembru 2011, li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u tiddikjarha nulla u bla effett u konsegwentement terga tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) skont il-ligi.

**4.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2012;

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Din il-kawza tirrisali ta' l-anqas ghal Ottubru 1990 u kienet karatterizzata b'sensiela ta' differimenti ghal ragunijiet ghal kollox frivoli ta' spiss provokati mill-appellant li izda jehtieg li l-Qrati jirrezistu b'fermezza u b'konsistenza.

Il-kaz jirrigwarda bini ta' strutturi konsistenti fi kmamar li nbnew minghajr pemess  fuq art proprjeta' tal-imputat li tinsab barra miz-zona ta' zvilupp. Is-sit jinsab f'area li hija skedata bhala sit arkeologiku minhabba xi fdalijiet li nstabu fl-area. Fit-22 ta' Jannar 1991 l-appellant applika lill-awtorita' risponsabli dak iz-zmien sabiex jirregolarizza

l-pozizzjoni dwar l-istess strutturi billi jinghata permess ghall-bini izda l-permess gie rifjutat. F'Dicembru 1997 l-imputat applika mill-gdid, din id-darba lill-Awtorita' tal-Ippjanar, sabiex jirregolarizza l-istrutturi msemmija izda l-permess ghal darb' ohra gie michud. L-imputat appella minn dan ir-rifjut u fl-appell li sar ghan-nom tieghu inghad, *inter alia*, li l-imputat kien bena l-kmamar msemmija ghax haseb li kien normali li wiehed jibni l-istess kmamar. Ir-rifjut, izda, gie konfermat. L-appellant xorta ghamel applikazzjoni ohra sabiex jissanzjona l-izvilupp imsemmi liema applikazzjoni regghet giet michuda, u dan f'Ottubru 2006. Din id-darba l-appellant ghamel talba ghal rikonsiderazzjoni li izda giet ukoll rifjutata u dan f'Settembru 2007. Minn din id-decizjoni l-appellant appella fit-23 ta' Settebmru 2008 liema appell gie respint b'decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2012.

B'hekk l-izvilupp kien u baqa' minghajr permess sa llum.

Jizdied li fil-kors tal-proceduri fl-ewwel istanza l-appellant kien iddikjara li hutu Salvu Vella u Catherine Vella (li jidher li kienet giet imputata separatament) m'ghandhomx x'jaqsmu mal-proprjeta' u illi huwa hu l-uniku sid u ghalhekk kien qed jassumi kull responsabilita ghall-azzjonijiet tieghu.

**7.** L-aggravju tal-appellant Paul Vella hu essenzjalment wiehed, u cioe' li s-sentenza appellata hi nulla, izda jaghti zewg ragunijiet ghall-allegata nullita li huma s-segwenti:

1. id-data riferibbli ghal meta sehh l-allegat reat hi totalment nieqsa mill-komparixxi u dan bi ksur tal-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuzi, bil-partikularitajiet ta' zmien…." u li ghalhekk, galadarba ma kienx hemm data, l-akkuza hija nulla.

2. f'dan il-kaz kien hemm zewg imputati u cioe' Paul Vella u Salvu Vella u s-sentenza appellata nghatat f'isem

l-appellant biss u inqrat ukoll fl-assenza tal-ko-imputat Salvu Vella. Dan jimporta n-nullita' tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**8.** Dwar l-ewwel allegat motiv ta' nullita', u cioe' l-allegat nuqqas fic-citazzjoni ta' data tal-fatt imputat, dan il-mottiv hu msejjes fuq premessa ghal kollox zbaljata u cioe' dik li fic-citazzjoni ma hemmx indikata d-data tal-fatt imputat. Di fatti fic-citazzjoni jinghad kjarament li huwa persuna "li qed taghmel jew li qed iggieghel jew thalli li jsir xi haga … li ghaliha huwa mehtieg permess…". Ghalhekk qieghed jigi allegat fatt kontinwu u li ghadu jippersisti fid-data tac-citazzjoni u li ghalhekk d-data tal-fatt imputat hi tal-anqas id-data tac-citazzjoni u cioe' 6 tal-Lulju 1990 u tippersisti sa' llum. Dan il-mottiv ta' nullita' ghalhekk ma jiswiex.

**9**. It-tieni mottiv ta' nullita' hu li s-sentenza hi intestata "Il-Pulizija v Paul Vella" meta fil-fatt l-imputati kienu tnejn u jinkludu lil Salvu Vella u inoltre inghatat sentenza fil-konfront ta' Salvu Vella izda fl-assenza tieghu u dan kollu jgib in-nullita' tas-sentenza appellata.

**10.** Tajjeb li qabel xejn jinghad li f'dan l-istadju tal-procediment hemm biss appell mnn Paul Vella. Salvu Vella ma appellax u anqas appella l-Avukat Generali mis-sentenza fil-konfront tal-istess Salvu Vella u ghalhekk dik is-sentenza in kwantu tirrigwarda lil Salvu Vella ghaddiet in gudikat.

**11.** In kwantu ghal kif hi intestata s-sentenza appellata ghandu jinghad li, ghalkemm ic-citazzjoni inharget kontra Paul Vella u Salvu Vella, fil-kors tal-proceduri l-istess Paul Vella ddikjara li *inter alia* Salvu Vella mghandux x'jaqsam mal-proprjeta' u illi huwa hu l-uniku sid u ghalhekk kien qed jassumi kull responsabilita' ghall-azzjonijiet tieghu. Is-sentenza appellata hi intestata bhala li inghatat fil-konfront ta' Paul Vella u l-uniku appell quddiem din il-Qorti hu appell ta' Paul Vella li qieghed jappella mis-sentenza biss in kwantu tikkoncerna lilu peress li kwalunkwe sentenza li inghatat fil-konfront ta' Salvu Vella illum ghaddiet in gudikat. L-appellant ma indika ebda dispozizzjoni tal-ligi,

la fir-rikors tal-appell u anqas fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu tad-9 ta Marzu 2012, in sostenn tan-nullita' allegata minnu derivanti mill-mod kif hi intestata s-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontra ebda nullita' mill-mod biss kif hi intestata s-sentenza appellata.

**12.** In kwantu ghall-assenza tal-imputat Salvu Vella meta inghatat s-sentenza appellata li lliberatu mill-imputazzjoni kontra tieghu ghandu jigi rilevat li proprjament l-assenza tal-imputat Salvu Vella, ghalkemm giet rilevata fir-rikors tal-appell, ma gietx impostata fiha nfisha bhala mottiv tan-nullita' tas-sentenza appellata peress li fir-rikors tal-appell it-tieni aggravju jistrieh fuq il-mod kif inhi intestata s-sentenza appellata. B'danakollu, in kwantu li s-sottomissjon li saret f'dan ir-rigward fil-kors tat-trattazzjoni orali kif ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant tista' titqies ragionevolment kompriza fl-aggravji dedotti fir-rikors tal-appell din il-Qorti sejra xorta tikkunsidra dan l-allegat mottiv ta' nullita' tas-sentenza appellata.

**13.** Din il-Qorti tirribadixxi li in kwantu s-sentenza appellata tikkoncerna lil Salvu Vella dik is-sentenza ma gietx appellata la minn Salvu Vella u anqas mill-Avukat Generali u ghalhekk dik is-sentenza in kwantu tikkoncerna lil Salvu Vella ghaddiet in gudikat u ma tistax aktar tigi impunjata fejn tirrigwardah. L-assenza ta' Salvu Vella meta inghatat is-sentenza appellata hi kunsiderazzjoni li se mai tirrigwarda lilu. Kif gia gie rilevat, f'dan l-istadju hemm quddiem din il-Qorti appell minn Paul Vella biss u l-assenza ta' Salvu Vella meta inghatat is-sentenza appellata ma tikkoncerna b'ebda mod lill-appellant Paul Vella in kwantu s-sentenza appellata inghatat fil-prezenza tieghu li hu l-uniku appellant u li ghalhekk, is-sentenza appellata hi f'dan ir-rigward perfettament valida safejn tikkoncernah.

**14.** Is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Pulizija v Henry Rota tal-11 ta' Marzu 1993 li saret riferenza ghaliha fil-kors tat-trattazzjoni orali u citata u sahansitra esibita mill-appellant fi u man-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma taghmilx ghall-fatti hawn in kawza. Minn dik is-sentenza jirrizulta li, apparti li l-imputat

f'dak l-appell anqas qatt ma kien gie notifikat bit-tahrika, l-imputat kien wiehed, s-sentenza inghatat unikament fil-konfront tieghu, l-appell kien sar mill-Avukat Generali fil-konfront tal-istess imputat li kien assenti, is-sentenza fir-rigward tal-imputat assenti ma kienetx ghaddiet in gudikat meta inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dan in vista tal-appell tal-Avukat Generali. Minn dan kollu ma hemm xejn fil-kaz odjern.

**15.** Is-sentenza citata tistrih fuq id-dispost tal-artikolu 443(1)(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li fil-gurnata u fil-hin stabbilit ghas-smigh tal-kawza jew ghal xi kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-kawza l-akkuzat jitqieghed fil-post iddestinat ghaldaqshekk u li jekk l-akkuzat ma jkunx taht arrest ghandu jigi msejjah biex jidher b'citazzjoni u jekk jonqos li jidher ghandu jigi ordnat l-arrest tieghu biex jingieb fil-post ddestinat ghall-akkuzat. Kif gia rilevat f'dan l-istadju l-uniku "akkuzat" huwa l-appellant Paul Vella u ma hemm ebda dubbju li fir-rigward tieghu dak previst fl-artikolu 443(1)(2) gie osservat tul il-proceduri fl-ewwel istanza u meta inghatat is-sentenza appellata. Ghalhekk, ukoll f'dan ir-rigward din il-Qorti ma tirravisa ebda nullita' fis-sentenza appellata.

**16.** Ghalhekk l-aggravju tal-appellant qieghed jigi respint u peress li ebda aggravju iehor ma gie migjub fir-rikors tal-appell din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata.

**17.** Wara l-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant fuq imsemmija, l-appellant ipprezenta ulterjorment nota li maghha esibixxa kopja tad-decizjoni tal-appell tad-29 ta' Marzu 2012 tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar. Fl-istess nota, minflok ma l-appellant illimita ruhu filli jesibixxi d-decizjoni msemmija, kif kellu jaghmel, l-appellant zied jitlob li kemm-il darba l-appell tieghu ma jintlaqax, jinghata mhux inqas minn sitt xhur "sabiex il-binja in kwistjoni tkun tista' titnehha bl-idejn sabiex tigi evitata li jidhlu ingenji fis-sit in kwistjoni".

**18.** Da parti tieghu, l-Avukat Generali, li lilu giet ordnata n-notifika tan-nota tal-appellant, wiegeb li ghar-ragunijiet

minnu moghtija fir-risposta tieghu huwa kien joggezzjona ghat-talba msemmija.

**19.** Din il-Qorti assolutament ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha wara dawn is-snin kollha ghad-dispozizzjoni tal-appellant sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi tkompli ttawwal is-sitwazzjoni ta’ illegalita’ li ilu fiha l-appellant li rrikorra ghal kull manuvra immaginabbli biex jestendi kemm jiflah din is-sitwazzjoni deskritta mit-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar bhala “zvilupp abuziv ghall-ahhar mibni bla permess fil-kampanja li johloq urbanizzazzjoni li tkerrah il-kampanja bl-izjed mod evidenti u ovvju”. Din il-Qorti ma tistax tifhem l-interessament tal-appellant sabiex “il-binja in kwistjoni tkun tista’ titnehha bl-idejn sabiex tigi evitata li jidhlu ingenji fis-sit in kwistjoni”; zgur mhux gej minn xi mhabba ghall-ambjent li f’daqqa wahda skopra l-appellant. Di fatti din il-Qorti kienet tkun disposta li sahansitra takkorcja z-zmien li fih l-appellant ikun ordnat inehhi l-izvilupp kontra l-ligi izda f’dan ir-rigward ma jidhrilhix li fic-cirkostanzi ghandha tirrevedi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi l-appell qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------